Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

1 ta' Frar, 2000

## ATT Nru. IV ta' l-2000

*ATT biex jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, Kap. 188.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 188.

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, u għandu jiftiehem u jinqara ħaġa waħda ma' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jitqies li daħal fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għal dak li jirrigwarda ċ-ċittadinanza Maltija jista' jistabbilixxi b'ordni fil-Gazzetta.

Tħassir ta' l-intestatura qabel l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali.

**2.** L-intestatura "Taqsima I" minnufih qabel l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali għandha titħassar.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali minnufih qabel it-tifsira tal-frażi "konsolat Malti" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ġurnata stabbilita" għandha l-istess tifsira bħalma hu mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;".

Enumerar mill-ġdid tat-Taqsimiet II sa V ta' l-Att prinċipali.

**4.** It-Taqsimiet II sa IV ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala t-Taqsimiet "V" sa "VII" rispettivament, it-Taqsima V għandha titħassar u l-artikoli 3 sa 5 għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 10 sa 12 rispettivament. L-artikolu 6 għandu jitħassar u l-artikoli 8 sa 20 għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 13 sa 25 rispettivament.

Taqsima I, II, III u IV ġodda.

**5.** Minnufih wara l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

"TAQSIMA I

ĊITTADINANZA MIKSUBA FIL-ĠURNATA STABBILITA U B'REĠISTRAZZJONI MINN ĊERTI PERSUNI OĦRA

Persuni li saru ċittadini ta' Malta fil-ġurnata stabbilita.

3. (1) Kull min, imwieled f'Malta, kien fil-ġurnata qabel il-ġurnata stabbilita ċittadin tar-Renju Unit u Kolonji, għandu jitqies li kiseb iċ-ċittadinanza Maltija fil-ġurnata stabbilita:

Iżda persuna ma titqiesx li tkun saret ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk ebda wieħed mill-ġenituri tagħha ma kien imwieled Malta.

(2) Kull min, imwieled barra minn Malta, kien fil-ġurnata qabel il-ġurnata stabbilita ċittadin tar-Renju Unit u Kolonji għandu, jekk missieru jkun sar, jew li ma kienx għal mewt tiegħu kien isir, ċittadin ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jitqies li jkun sar ċittadin ta' Malta fil-ġurnata stabbilita.

Persuni li jkollhom dritt li jkunu reġistrati bħala ċittadini.

4. (1) Kull persuna li fil-ġurnata qabel il-ġurnata stabbilita kienet miżżewġa, jew kienet u ma għadhiex miżżewġa, lil xi ħadd -

(a) li sar ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att; jew

(b) li, billi jkun miet qabel il-ġurnata stabbilita, kien, li ma kienx għall-mewt tiegħu jew tagħha, isir ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' dak l-artikolu,

ikollha dritt, wara li tagħmel applikazzjoni b'dak il-mod li jista' jkun preskritt u wara li tieħu l-ġurament ta' lealtà, tkun reġistrata bħala ċittadin ta' Malta.

(2) Kull persuna li fil-ġurnata qabel il-ġurnata stabbilita kienet miżżewġa, jew kienet u ma għadhiex miżżewġa, lil xi ħadd li, fi jew wara l-ġurnata stabbilita, sar ċittadin ta' Malta jkollha dritt, wara li tagħmel applikazzjoni b'dak il-mod li jista' jkun preskritt u wara li tieħu l-ġurament ta' lealtà, tkun reġistrata bħala ċittadin ta' Malta.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu jkunu mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att.

(4) Kull min, skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni jitqies li hu ċittadin ta' Malta għall-finijiet ta' dak l-artikolu, u jkun ġie lura, u ha residenza permanenti f'Malta, ikollu dritt, wara li jagħmel applikazzjoni b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt u wara li jieħu l-ġurament ta' lealtà, ikun reġistrat bħala ċittadin ta' Malta.

(5) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, iżda mingħajr ħsara għas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 65 ta' l-Att LVIII ta' l-1974, ħadd ma jkollu dritt li jkun reġistrat bħala ċittadin ta' Malta iktar minn darba taħt l-istess dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(6) Hadd ma għandu jkollu dritt li jiġi reġistrat bħala ċittadin ta' Malta bis-saħħa tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, ħlief jekk -

(a) il-Ministru huwa sodisfatt li l-għoti taċ-ċittadinanza lil dik il-persuna ma jmurx kontra l-interess pubbliku; u

(b) fid-data ta' l-applikazzjoni dik il-persuna kienet għadha miżżewġa ma' ċittadin ta' Malta, jew tkun l-armla jew l-armel ta' persuna li kienet ċittadin ta' Malta jew ta' persuna li billi tkun mietet qabel il-ġurnata stabbilita kienet, ħlief għall-mewt tiegħu jew tagħha, issir ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att:

Iżda ħadd ma jkollu dritt li jiġi hekk reġistrat ħlief jekk dik il-persuna, fid-data ta' l-applikazzjoni, tkun għadha miżżewġa ma' dak iċ-ċittadin ta' Malta u kienet hekk miżżewġa għal mill-inqas ħames snin u f'dik id-data kienet qiegħda tgħix ma' dak iċ-ċittadin jew, jekk f'dik id-data kienet separata *de jure* jew *de facto*, kienet għexet ma' dak iċ-ċittadin ta' Malta għal mill-inqas ħames snin wara ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, jew tkun l-armla jew ikun l-armel ta' dak iċ-ċittadin u fil-waqt tal-mewt tiegħu jew tagħha kienet miżżewġa lil dik il-persuna għal mill-inqas ħames snin u kienet għadha tgħix miegħu jew magħha jew li kienet, ħlief għall-mewt ta' dik il-persuna, tkun hekk miżżewġa miegħu jew magħha fid-data ta' l-applikazzjoni jew, jekk fid-data tal-mewt ta' dak

iċ-ċittadin kienet separata *de jure* jew *de facto* minn dak iċ-ċittadin, kienet għexet ma' dak iċ-ċittadin ta' Malta għal mill-inqas ħames snin wara ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.

## TAQSIMA II

## KSIB TA' ĊITTADINANZA BI TWELID JEW DIXXENDENZA

Ksib ta' ċittadinanza bi twelid jew dixxendenza minn persuni mwielda fi jew wara l-ġurnata stabbilita.

5. (1) Kull min jitwieled f'Malta fi jew wara l-ġurnata stabbilita għandu jitqies li jkun sar jew isir ċittadin ta' Malta fil-ġurnata tat-twelid tiegħu:

Iżda fil-każ ta' persuna mwielda fi jew qabel il-31 ta' Lulju, 1989, dik il-persuna ma għandhiex titqies li tkun saret ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk fil-waqt tat-twelid tagħha -

(a) ebda wieħed mill-ġenituri tagħha ma kien ċittadin ta' Malta u missierha kellu dik l-immunità minn kawżi u proċeduri legali bħalma hija mogħtija lil *envoy* ta' potenza sovrana barranija akkreditat lil Malta; jew

(b) missierha kien frustier għadu u t-twelid sar f'post li f'dak iż-żmien kien taħt okkupazzjoni mill-għadu:

Iżda wkoll, fil-każ ta' persuna mwielda fi jew wara l-1 ta' Awissu, 1989, dik il-persuna ma ssirx ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' dan is-subartikolu ħlief jekk fil-waqt tat-twelid missierha kien jew ikun jew ommha kienet jew tkun:

(a) ċittadin ta' Malta; jew

(b) persuna msemmija fil-paragrafu (a) jew (b) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni:

Iżda wkoll, iż-żewġ provisos ta' qabel ta' dan is-subartikolu ma għandhomx ikunu japplikaw fil-każ ta' tarbija tat-twelid li tinstab abbandunata f'xi mkien f'Malta li tkun, minħabba f'dak il-fatt, apolidi, u dik it-tarbija għandha tibqa' ċittadin ta' Malta sakemm jiġi stabbilit id-dritt tagħha għal xi ċittadinanza oħra.

(2) Min jitwieled barra minn Malta fi jew wara l-ġurnata stabbilita jitqies li jkun sar jew isir ċittadin ta' Malta fil-ġurnata tat-twelid tiegħu:

(a) fil-każ ta' persuna mwielda fi jew qabel il-31 ta' Lulju, 1989, jekk fil-ġurnata tat-twelid ta' dik il-persuna, missierha kien ċittadin ta' Malta b'mod ieħor milli bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jew tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att:

Iżda persuna mwielda fi jew qabel il-31 ta' Lulju, 1989, li fil-ġurnata tat-twelid tagħha ommha tkun ċittadin ta' Malta b'mod ieħor milli bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jew tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att ikollha d-dritt, wara li tagħmel applikazzjoni b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt u wara li tieħu l-ġurament ta' lealtà, tkun reġistrata bħala ċittadin ta' Malta; u

(b) fil-każ ta' persuna mwielda fi jew wara l-1 ta' Awissu, 1989, jekk fil-ġurnata tat-twelid ta' dik il-persuna, missierha jkun jew ommha tkun ċittadin ta' Malta b'mod ieħor milli bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jew tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att.

## TAQSIMA III

## ĊITTADINANZA MIKSUBA B'REĠISTRAZZJONI WARA ŻWIEĠ

Żwieġ ma' ċittadini ta' Malta.

6. (1) Kull persuna li fi jew wara l-ġurnata stabbilita tiżżewweġ lil xi ħadd li jkun jew li jsir ċittadin ta' Malta jkollha d-dritt, wara li tagħmel applikazzjoni b'dak il-mod kif jista' jkun preskritt u wara li tieħu l-ġurament ta' lealtà, tkun reġistrata bħala ċittadin ta' Malta.

(2) Ħadd ma jkollu d-dritt jiġi reġistrat bħala ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' dan l-artikolu ħlief jekk:

(a) il-Ministru jkun sodisfatt li l-għoti taċ-ċittadinanza lil dik il-persuna ma jmurx kontra l-interess pubbliku; u

(b) fid-data ta' l-applikazzjoni tagħha dik il-persuna kienet għadha miżżewġa ma' ċittadin ta' Malta, jew tkun l-armla jew l-armel ta' persuna li kienet ċittadin ta' Malta fil-waqt tal-mewt tiegħu jew tagħha:

Iżda ħadd ma jkollu dritt li jiġi hekk reġistrat ħlief jekk dik il-persuna, fid-data ta' l-applikazzjoni, tkun għadha

miżżewġa ma' dak iċ-ċittadin ta' Malta u kienet hekk miżżewġa għal mill-inqas ħames snin u f'dik id-data kienet qiegħda tgħix ma' dak iċ-ċittadin jew, jekk f'dik id-data kienet separata *de jure* jew *de facto*, kienet għexet ma' dak iċ-ċittadin ta' Malta għal mill-inqas ħames snin wara ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, jew tkun l-armla jew ikun l-armel ta' dak iċ-ċittadin u fil-waqt tal-mewt tiegħu jew tagħha kienet miżżewġa lil dik il-persuna għal mill-inqas ħames snin u kienet għadha tgħix miegħu jew magħha jew li kienet, ħlief għall-mewt ta' dik il-persuna, tkun hekk miżżewġa miegħu jew magħha fid-data ta' l-applikazzjoni jew, jekk fid-data tal-mewt ta' dak iċ-ċittadin kienet separata *de jure* jew *de facto* minn dak iċ-ċittadin, kienet għexet ma' dak iċ-ċittadin ta' Malta għal mill-inqas ħames snin wara ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.

## TAQSIMA IV

## ĊITTADINANZA MULTIPLA

Ċittadinanza multipla.

7. Persuna jista' jkollha ċ-ċittadinanza Maltija, u fl-istess waqt ikollha ċ-ċittadinanza ta' pajjiż ieħor.

Akkwist mill-ġdid taċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' reġistrazzjoni.

8. Kull min qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu kien jitqies, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew ta' kull liġi oħra, li temm milli jkun ċittadin ta' Malta minħabba f'li jkollu jew ikun akkwista, sew volontarjament sew mhux volontarjament, xi ċittadinanza oħra, ikollu dritt, meta jagħmel l-applikazzjoni tiegħu b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt u wara li jieħu l-ġurament ta' lealtà, li jiġi reġistrat bħala ċittadin ta' Malta:

Iżda ħadd ma jkollu dritt li jiġi reġistrat bħala ċittadin ta' Malta taħt dan l-artikolu jekk persuna kienet ċittadin ta' Malta b'mod ieħor milli bl-artikoli 3 jew 5 ta' dan l-Att jew bis-saħħa ta' l-artikoli 22 jew 25 tal-Kostituzzjoni kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Kostituzzjoni, u l-Ministru jkun sodisfatt li l-għoti taċ-ċittadinanza lil dik il-persuna jmur kontra l-interess pubbliku.

Persuni li jitqiesu li qatt ma tilfu ċ-ċittadinanza Maltija.

9. Persuna li f'xi waqt kienet ċittadin ta' Malta skond l-artikoli 3 jew 5 ta' dan l-Att jew skond l-artikoli 22 jew 25 tal-Kostituzzjoni kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Kostituzzjoni, u kienet residenti f'xi pajjiż barra minn Malta għal żmien li b'kollox jammonta

għal mill-inqas sitt snin, tkun akkwistat jew żammet iċ-ċittadinanza ta' xi pajjiż ieħor, għandha titqies bħala li qatt ma tkun temmet milli tkun ċittadin ta' Malta.".

6. L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 10 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, frustier" għandhom jidħlu l-kliem "Frustier";

(ii) fil-proviso li hemm miegħu, minflok il-kliem "is-sitt snin" għandhom jidħlu l-kliem "is-seba' snin";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, kull persuna" għandhom jidħlu l-kliem "Kull persuna";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "l-artikolu 22 tal-Kostituzzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 3 ta' dan l-Att";

(iii) fil-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "l-artikolu 25 tal-Kostituzzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 5 ta' dan l-Att";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, kull persuna" għandhom jidħlu l-kliem "Kull persuna";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "22(1) jew 25(1) tal-Kostituzzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "3(1) jew 5(1) ta' dan l-Att"; u

(iii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "22(1) tal-Kostituzzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "3(1) ta' dan l-Att";

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu minflok il-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, kull min ikollu" għandhom jidħlu l-kliem "Kull min";

(e) fis-subartikolu (5) tiegħu l-kliem minn "ma tkunx għamlet dikjarazzjoni" sa "ċittadinanza oħra li jista' jkollha u" għandu jiġi mħassar; u

(f) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) tiegħu minflok il-kliem "tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 jew tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 25 tal-Kostituzzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 jew tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att".

Emenda ta' l-artikolu 12 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

**7.** L-artikolu 12 ta' Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, persuna reġistrata bħala ċittadin ta' Malta skond l-artikolu 23, 24 jew 26 tal-Kostituzzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "Persuna reġistrata bħala ċittadin ta' Malta skond l-artikolu 4 jew 6 ta' dan l-Att"; u

(b) is-subartikolu (2) għandu jitħassar u s-subartikolu (1) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu sħiħ.

Emenda ta' l-artikolu 13 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

**8.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid il-kliem "; iżda għalkemm ikun hemm iċ-ċaħda tal-Ministru, persuna li tagħmel xi dikjarazzjoni bħal dik għandha ttemm milli tkun ċittadin ta' Malta fiż-żmien preskritt fl-artikolu 27 tal-Kostituzzjoni" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 16 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

**9.** Minflok il-kliem "tat-Taqsimiet II u III ta' dan l-Att" fl-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid għandhom jidħlu l-kliem "tat-Taqsimiet V u VI ta' dan l-Att".

Emenda ta' l-artikolu 17 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

**10.** Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid wara l-kliem "li twieldet f'Malta" għandhom jiżdiedu l-kliem "u f'kull każ bħal dak id-dispożizzjonijiet tat-tielet proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att għandhom ikunu japplikaw għal dik it-tarbija".

Emenda ta' l-artikolu 21 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

**11.** L-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "skond l-artikolu 23, 24 jew 26 tal-Kostituzzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "skond dan l-Att"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "skond l-artikolu 23, 24 jew 26 tal-Kostituzzjoni jew" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 22 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

**12.** Fis-subartikoli (1) u (3) ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid il-kliem "skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-Kostituzzjoni jew" kull fejn dawn jinsabu għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 23 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

**13.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid il-kliem "skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-Kostituzzjoni jew" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 24 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

**14.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "tal-Kapitolu III tal-Kostituzzjoni u" għandha tidħol il-kelma "ta'";

(ii) fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tiegħu, il-kliem "il-Kapitolu III tal-Kostituzzjoni jew" għandhom jitħassru;

(iii) fil-paragrafu (h) tiegħu, il-kliem "id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-Kostituzzjoni jew" għandhom jitħassru.

Żieda tat-Taqsima VIII ġdida ma' l-Att prinċipali.

**15.** Minnufih wara l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid għandha tiżdied din it-Taqsima ġdida li ġejja:-

"TAQSIMA VIII

DISPOŻIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IŻ-ŻMIEN

Dispożizzjonijiet li jirrigwardaw iż-żmien.

26. (1) Il-Ministru u kull uffiċjal tal-Gvern għaldaqshekk awtorizzat mill-Ministru jista':

(a) jiddikjara li kull perjodu speċifikat fil-Kapitolu III tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif fis-seħħ qabel ma sar liġi l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta, li matulu persuna hemm imsemmija setgħet tagħmel applikazzjoni għal reġistrazzjoni, għandu, għar-rigward ta' persuna bħal dik li jkollha moħħha marid matul dak il-perjodu, jiġi hekk imtawwal b'mod li jippermetti, fil-fehma tal-Ministru jew ta' l-uffiċjal hekk awtorizzat, lil dik il-persuna meta jkollha moħħha tajjeb l-opportunità li tagħmel applikazzjoni għal reġistrazzjoni taħt l-imsemmi Kapitolu III kif kien fis-seħħ qabel ma sar liġi l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta;

(b) f'kull każ iehor li fih ikun sodisfatt li persuna msemmija fil-Kapitolu III tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif fis-seħħ qabel ma sar liġi l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta, ma tkunx minħabba f'xi ċirkostanzi mhux attribwibbli għal xi nuqqas jew negliġenza tagħha, tista' tagħmel l-applikazzjoni fil-perjodu speċifikat jew preskritt għar-rigward ta' dik il-persuna f'dak il-Kapitolu, jista' jiddikjara li dak il-perjodu għar-rigward ta' dik il-persuna għandu jiġi hekk imtawwal sabiex jippermetti, fil-fehma tal-Ministru jew ta' dak l-uffiċjal hekk awtorizzat, lil dik il-persuna opportunità li tagħmel applikazzjoni għal reġistrazzjoni skond il-Kapitolu III tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif fis-seħħ qabel ma sar liġi l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.

(2) Is-setgħa tal-Ministru u ta' kull uffiċjal tal-Gvern awtorizzat għaldaqshekk mill-Ministru taħt dan l-artikolu tista' tiġi eżerċitata qabel jew wara l-iskadenza tal-perjodu rilevanti speċifikat fil-Kapitolu III tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif fis-seħħ qabel ma sar liġi l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Dispożizzjoni transitorja.

27. (1) Il-ksib jew iż-żamma taċ-ċittadinanza Maltija minn persuna taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta jew kull liġi oħra, qabel ma sar liġi l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, ma għandhom jintlaqtu b'ebda mod mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att.

(2) Dan l-Att ma għandux japplika għar-rigward ta' xi applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala ċittadin ta' Malta li tkun ġiet ippreżentata qabel il-15 ta' Awissu, 1999.".

Emenda fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**16.** Fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali minflok il-kliem "[Artikoli 3 u 5]" għandhom jidħlu l-kliem "[Artikolu 10]".

Emenda ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217.

**17.** L-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni għandu jiġi emendat kif ġej:-

(i) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem minn "bis-saħħa tas-subartikolu (1)" sa "l-imsemmija Kostituzzjoni; jew" għandhom jidħlu l-kliem "bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija; jew";

(ii) minflok il-paragrafi (ġ) u (ħ) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ġ) li tkun il-konjuġi ta' persuna msemmija f'wieħed mill-paragrafi ta' qabel dan u tkun għadha miżżewġa u tgħix ma' dik il-persuna; jew

(ħ) li tkun l-armla jew l-armel ta' persuna msemmija fil-paragrafu (a) jew (b) ta' dan is-subartikolu u fil-waqt tal-mewt tiegħu jew tagħha kienet għadha tgħix ma' dik il-persuna:"; u

(iii) minnufih fi tmiem is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu li ġej:-

"Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-subartikolu, dan l-Ordni jista' wkoll jiġi notifikat lil, u jkun japplika għar-rigward ta' kull persuna msemmija fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu li tkun dipendent ta' età ta' 'l fuq minn tmintax-il sena.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 230 tal-31 ta' Jannar, 2000.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*